MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 3/2013

**A B M**

**vs**

**V W b'digriet tat-22 ta' Frar, 2013 giet nominata bhala kuratrici deputat biex tirraprezenta l-assenti J M ID: 25496 A**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Lulju 2003 fil-Knisja tal-Herba, Birkirkara.
2. Illi minn dan iz-zwieg ma hemmx tfal.
3. Illi l-hajja konjugali saret impossibbli u dan peress illi wara illi l-partijiet kienu ilhom jghixu l-Canada ghal diversi snin, il-konvenut ifforma relazjoni ma' terza persuna. Minhabba c-cirkostanzi difficli illi sabet ruhha fihom l-

attrici, ma kellhiex ghazla hlief illi tirritorna lura lejn Malta. Fil-fatt hija kienet telghet il-Canada mal-konvenut, u hi sabet ruhha minghajr support ta' hadd ghax hadd mill-familjari taghha ma kien qieghed gewwa l-Canada.

4. Illi l-partijiet kienu fi process illi jaghmlu separazzjoni konsenswali u l-konvenut kien qieghed juri l-intenzjoni tieghu illi jaghmel it-trasferiment tal-flat numru 16, appartament numru 2 f'Cathedral Street, Sliema, lill-attrici li kienet id-dar matrimonjali li kellhom Malta. Illi sussegwentement, minkejja diversi tentattivi biex din is-separazzjoni konsenswali tigi definita, il-konvenut ghazel li ma jikkorrispondix izjed.

5. Illi l-attrici ilha fil-fatt separata de facto minn zewgha ghal dawn l-ahhar sentejn u tlett xhur.

6. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Kawzali

1. Peress li l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli u dan minhabba adulterju da parti tal-istess konvenut.

2. Peress illi l-attrici trid illi jkun hemm is-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan precipwament biex jigu determinati d-drittijiet u obbligi reciproci.

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htija da parti tal-konvenut fl-adultejruri minnu kommess.

2. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ghal dak li jezisti hawn Malta stante li l-partijiet dak li kien hemm fil-Canada diga` llikwidawh bejniethom, u dan fis-sens li l-attrici ma hadet xejn minn dak li ghamlu l-Canada.

3. Tiddeciedi dwar id-dritt tal-attrici ghall-manteniment u bl-applikazzjoni tal-ligi taghti lill-attrici n-nofs indiviz tad-dar matrimonjali ghas-saldu ta' kull pretenzjoni taghha prezenti u futura ghall-manteniment.

4. Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota ta’ V W nomine tas-17 ta’ April 2013 li permezz taghha iddikjarat illi, waqt li taf li l-fatti huma dawk imfissra fir-rikors guramentat, tirrimetti ruhha ghall-provi li jingiebu;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi il-qorti ghandha quddiemha kawza ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet b’talba specifika dwar id-dritt ta’ manteniment tal-attrici li ghandu jithallas permezz tat-trasferiment tan-nofs indiviz tad-dar matrimonjali ghas-saldu ta’ kull pretensjoni kemm prezenti u futura ghall-manteniment.

Din il-qorti tirrileva li permezz tan-nota taghha esebita a fol 5 tal-process, V W accettat il-bandu biex tirrapprezenta lill-assenti J M. Permezz ta’ nota ohra esebita, l-istess V W, filwaqt li tikkonferma li taf il-fatt hekk kif imfissra fir-rikors promotur, irrimettiet ruhha ghall-provi li jingiebu.

**<u>Il-VERZJONI ATTRICI</u>**

Ir-rikorrenti tghid li ltaqghet mal-intimat assenti gewwa l-Amerika meta kienu ghadhom studenti. Ghalkemm ir-relazzjoni taghhom bdiet bhala hbieb, lejn l-ahhar tas-sajf tas-sena 1999, r-relazzjoni saret aktar profonda tant li meta r-rikorrenti rritornat lura Malta u hu mar f’pajjizu u cioe’ l-Polonja, kienu jikkomunikaw kull jum permezz tal-

*email* u tlaqghu ukoll xi tliet darbiet barra minn Malta sakemm l-intimat gie jghix Malta f'Gunju 2000. Wara sentejn l-intimat staqsiha biex tizzewgu u peress li r-relazzjoni taghhom kienet tajba u l-attrici kienet kuntenta, mill-ewwel accettat. Il-partijiet izzewgu fis-6 ta' Lulju 2003 u ghal din l-okkazjoni kienu gew ukoll il-familjari tal-istess intimat. Xtraw post gewwa tas-Sliema wara li ghall-bidu kienu jikru post. Sadanittant kienu wkoll applikaw biex jemigraw lejn il-Kanada u dan sehh f'Ottubru 2008. Fi zmien sena kienu setiljati fix-xoghol rispettiv taghhom u ghalkemm xtaqu li jkollhom it-tfal, iddecidew li jistennew. Ir-rikorrenti tghid li kienet kuntenta bil-hajja taghhom gewwa l-Kanada u bir-relazzjoni taghhom izda mbaghad f'Marzu 2010 l-intimat mar l-Italja u gurnata minnhom irceviet messagg minn numru li ma kienitx taf, fejn din il-persuna infurmatha li kellha relazzjoni mal-istess intimat. Ghalkemm hasbet li kienet xi *spam* xorta wahda kkonfrontat lill-intimat fuq dan il-messagg izda hu cahad kollox u r-rikorrenti emmnitu ghaliex ghaliha ma kienx ragel li jista' jasal li jaghmel xi haga bhal dik. Mir-ricerka li ghamlet permezz tal-visa u minn telefonati li ghamlet go xi lukandi, skopriet li zewgha veru ghandu relazzjoni ma' terza persuna u li kienet ilha ghaddejja minn Novembru 2009. Din ir-relazzjoni extra-matrimonjali kellha effett negattiv fuq l-istess rikorrenti ghaliex verament hasbet li z-zwieg taghhom kien sod. Ghalkemm kienet lesta li tahfer, meta l-intimat irritorna lura d-dar, minflok prova jsalva z-zwieg, infurmaha li ma kienx ghadu lest li jaghzel. Minkejja t-tentattivi kollha taghha, l-intimat xorta wahda baqa' jghid li kien qed ihossu mgerfex tant li mar jghix wahdu ghalkemm kienu xorta jiltaqghu. Ir-rikorrenti wara skopriet li fl-istess zmien, zewgha kien xorta wahda jiltaqa' mat-tfajla l-ohra. Hi tatu data sa' meta kellu jaghtiha decizjoni dwar x'ried izda dan baqa' ma sehhx ghaliex ghalkemm kien jghid li ried isalva z-zwieg ta' bejniethom, baqa' jiltaqa' mat-tfajla l-ohra wkoll. Xejn ma hadem bejniethom u ghalhekk ir-rikorrenti hasset li kellha bzonn il-familja taghha u konsegwentement irritornat lura Malta. Halliet warajha l-ghamara gewwa l-Kanada u tghid li l-intimat riedha zzomm il-post li kellhom gewwa tas-Sliema. Id-dejn fuq l-istess fond waqa' kompletament fuq ir-rikorrenti kif waqghu ukoll id-djun relatati mal-visa.

Minhabba s-sitwazzjoni prekarja li sabet ruhha fiha, kellha bzonn tirrikorri ghall-ghajnuna psikjatrika imma harget minnha wkoll. Tghid li zewgha kkonferma mal-avukat taghha li ried li l-post ta’ tas-Sliema jinqaleb ghal fuqha imma mbaghad ma regax ikkomunika mieghu aktar. Taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li l-intimat ghandu zewgt itfal minn din it-tfajla u illi hi qeghda taqdef ‘il quddiem u thares lejn il-futur taghha.

**<u>IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI</u>**

Din il-qorti tirrileva li apparti l-affidavit tar-rikorrenti, hemm biss affidavit iehor esebit in atti u cioe’ l-affidavit tal-Avukat Dr. Joseph Brincat u nota tal-istess avukat li permezz taghhom jikkonferma li l-intimat kellu l-intenzjoni li jhalli l-proprjeta’ ta’ tas-Sliema lir-rikorrenti. Izid jghid li l-intimat kien qabel mal-abbozz li kien prepara l-istess avukat izda dan il-kuntratt baqa’ qatt ma gie ffirmat u l-kuntatt bejn l-avukat u l-istess intimat inqata’.

Din il-qorti hija moralment konvinta li l-intimat ikkommetta adulterju u wasal f’punt fejn ma setax jaghzel bejn martu u l-mahbuba tieghu sakemm fl-ahhar, kienet il-mara li effettivament telqet mill-Kanada biex tigi lura Malta. Ghalkemm il-verzjoni attrici bl-ebda mod m’hija kontraddetta, il-qorti m’ghandha ebda raguni ghaliex m’ghandhiex tiehu tali verzjoni bhala verzjoni veritiera, anke in vista tal-fatt li V W accettat il-bandu u kkonfermat il-kontenut tar-rikors promotur. Il-qorti m’ghandha ebda raguni tiddubita mill-adulterju tal-intimat jew mill-attitudini tieghu u konsegwentement ma tarax ghaliex t-talbiet attrici m’ghandhomx jigu milqugha, specjalment in vista tal-fatt li l-istess intimat abbanduna kollox u halla lil martu wahedha biex issolvi l-problemi u thallas id-dejn ta’ bejniethom kif ukoll minhabba r-relazzjoni adultera tieghu. Mill-*emails* esebiti in atti jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat kellu l-intenzjoni li jassenja l-fond gewwa Malta lir-rikorrenti pero’ dan baqa’ ma sarx ghal ragunijiet li jafhom l-intimat biss.

In vista ta’ dak suespost, il-qorti terga’ tikkonferma li hija moralment konvinta li l-intimat irrenda ruhu hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba adulterju u

ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex l-ewwel talba tar-rikorrenti m'ghandhiex tigi milqugha;

Dwar it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, il-qorti tirrileva li m'hemm ebda kuntratt esebit in atti li juri li l-fond imsemmi gewwa tas-Sliema huwa verament taz-zewg partijiet pero' mill-iskambu tal-*emails* bejn l-Avukat Brincat u l-intimat, jirrizulta li l-fond ta' tas-Sliema verament jappartjeni lill-partijiet. Stante li l-istess rikorrenti qed titlob li tigi assenjata n-nofs sehem indiviz tal-istess fond ghas-saldu tal-manteniment taghha u stante li minhabba li l-intimat m'huwiex qieghed hawn Malta u d-dejn qed jithallas b'mod komplet u esklussiv mir-rikorrenti, l-qorti tirrileva li thoss li huwa gust li tali assenjazzjoni ssir bil-mod kif qed tikkontendi l-istess rikorrenti.

**<u>DECIDE</u>**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-intimat;

[2] Tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet u tassenja l-fond numru 16, appartament numru 2 f'Cathedral Street Sliema esklussivament lir-rikorrenti;

[3] Tilqa' r-raba' talba.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------